**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Artikoli 49, 50, 261(b)(c), 263(a), 267, 278(2) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Kumpilazzjoni Nru: 311/15**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**ROBERT GALEA**
**(ID: 229581M)**

**Illum, 3 ta' Mejju 2018**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **ROBERT GALEA** detentur tal-karta tal-identita bin-numru 229581(M) tressaq quddiemha akkuzat talli:

Bejn il-25 u s-26 ta' Jannar 2013 ikkommetta serq ta' oggetti minn gewwa l-hanut bl-isem ta' Cafe' Riche li jinsab fi Triq San Dwardu, Birgu ghad-

detriment ta' Joseph Busuttil u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-mezz.

U aktar talli sar ricediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti kollha esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputat, fedina penali, kunsens tal-Avukat Generali, stqarrija tal-imputat u okkorrenza.

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha waqt is-seduta tat-3 ta' Mejju 2018 u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk riedu, seta' jerga' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu ghall-akkuzi kollha gew registrati fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tat-3 ta' Mejju 2018.

Rat ukoll illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-ewwel opportunita' moghtija lilu minkejja li dawn il-proceduri kienu gew intavolati quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fis-sena 2015 u ghalhekk ghen sabiex ma jinhelix hin u spejjez pubblici ghal xejn.

Rat ukoll illi l-imputat ikkoopera bi shih mal-Prosekuzzjoni f'din l-investigazzjoni tant li meta huwa rrilaxxja l-istqarrija fit-8 ta' Marzu 2015 huwa

kien ammetta l-akkuza ta' serq tant li anke ta spjegazzjoni dwar x'ghamel bir-res furtiva.

Pero' minn naha l-ohra rat ukoll illi l-imputat ghandu fedina fenali riflettarja tant illi ghandu hmistax-il conviction registrati fuqha mis-sena 1999 sal-lum fejn gie kkundannat sentenzi sospizi, nghata diversi probations, gie kkundannat ihallas multi u sahansitra anke prigunerija effettiva pero' ma tghallimx mill-opportunitajiet moghtija lilu u hu ghalhekk li din il-Qorti trid tuza l-id kiefra taghha u tikkundannah prigunerija effettia minkejja illi l-ammont bhala valur m'huwiex wiehed ezorbitanti.

Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi il-Qorti tqis li l-piena idonea hija dik ta' prigunerija effettiva.

**Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikoli 49, 50, 261(b)(c), 263(a), 267, 278(2) u 289 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lill-imputat ROBERT GALEA hati tal-akkuzi kif migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghoxrin xahar prigunerija effettivi.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D., Dip. Matr. (Can)**
**Magistrat**